31999D0127

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Jannar ta' l-1999

dwar il-konkluzjoni tal-Ftehim dwar Qafas ta' Koperazzjoni li l-għan aħħari tiegħu hu li jwassal biex jistabbilixxi assoċjazzjoni politika u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tac-Cili, fuq in-naħa l-oħra

(1999/127/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li Kunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari Artikoli 113 u 130y ta' dan, b'konġunzjoni ma' l-ewwel sentenza ta' Artikolu 228(2) u ta' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 228(3) ta' dan,

Wara li Kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li Kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi Artikolu 130u tat-Trattat jipprovdi l-politika Komunitarja fl-isfera ta' żvilupp koperattiv li għandu jkattar l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-integrazzjoni mwittija u gradwali ta' dawk il-pajjizi fl-ekonomija mondjali u l-ġlieda kontra l-faqar f'dawk il-pajjiżi;

Billi l-Ftehim dwar Qafas ta' Koperazzjoni li l-għan aħħari tiegħu jwassal biex jistabbilixxi assoċjazzjoni politika u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, fuq in-naħa l-oħra, għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar il-Qafas ta' Koperazzjoni li l-għan aħħari tiegħu jwassal biex jistabbilixxi assoċjazzjoni politika u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, fuq in-naħa l-oħra, hu hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunitajiet Ewropej.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'Artikolu 34 tal-Ftehim, il-President tal-Kunsill ser jippresiedi l-Kunsill Konġunt imsejjaħ f'Artikolu 33 u se jirrapreżenta l-Komunità f'dak il-Kunsill. Rapprezentant tal-Kummissjoni se jippresiedi l-Kumitat Konġunt Koperattiv imsejjaħ fl-Artikolu 35 tal-Ftehim u lis-Sotto-Kumitat Konġunt dwar il-Kummerċ imsejjaħ f'Artikolu 37 tal-Ftehim skond ir-regoli tal-proċeduri u se jirrapresenta lill-Komunità f'dawk il-Kumitati.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill ser jagħti notifikazzjoni prevista f'Artikolu 42 tal-Ftehim għan-nom tal-Komunità Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, il-25 ta' Jannar ta' l-1999.

F'isem il-Kunsill

Il-President

J. FISHER